**FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM, it-Tnejn 5 ta’ Ottubru, 2015**

**Kawża Numru 1**

**Ċitazz. Nru. 4/99JRM**

Martin **SCERRI**

vs

John **ŻAMMIT**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-4 ta’ Jannar, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li huwa jgawdi d-drittijiet tal-awtur taħt l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur fuq żewġ ritratti li l-imħarrek uża f’pubblikazzjoni maħruġa minnu bl-isem ta’ “*Malta and its People*” bħala ritratti li ġibed l-istess imħarrek; (b) issib li l-imħarrek kiser il-jeddijiet tal-awtur skond l-imsemmi Att bl-użu tal-imsemmija żewġ ritratti fl-imsemmija pubblikazzjoni; (ċ) iżżomm u tinibixxi lill-imħarrek milli jinqeda bl-imsemmi ritratti meta jerġa’ jippubblika l-imsemmi ktieb; u (d) tikkundanna lill-imħarrek iħallsu bħala penali s-somma li tkun likwidata

għall-finijiet tal-artikolu 13(3) tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Attur. Talab ukoll l-ispejjeż u żamm sħaħ il-jeddijiet tiegħu għal kull azzjoni oħra spettanti lilu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-20 ta' April, 1999, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi, b'mod preliminari, qal li din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża minħabba li l-kwestjoni taqa' fil-kompetenza tal-Bord dwar id-Drittijiet skond l-artikolu 17 tal-Kapitolu 196 tal-Liġijiet ta' Malta. Laqa' wkoll billi qal l-attur irid jipprova wkoll li hu kien il-persuna li ġibed l-imsemmija żewġ ritratti u b'hekk igawdi fuqhom il-jeddijiet tal-awtur għall-finijiet tal-artikolu 3(2) tal-imsemmi Kapitolu 196. Żied jgħid li peress li l-attur jidher li qiegħed jirreferi għall-pubblikazzjoni li l-eċċipjenti ħareġ fl-1988, it-tielet talba attriċi ma tistax tintlaqa' ladarba l-eċċipjenti kien ħareġ edizzjoni oħra tal-imsemmi ktieb fl-1999. Huwa ċaħad li qatt ġiet f'idejh xi kopja ta' xi xogħol proprjeta' tal-attur li turi r-ritratti mertu tal-każ jew li qatt talab lill-attur jgħaddilu xi xogħol tiegħu jew li qatt daħal fi ftehim miegħu li permezz tiegħu l-attur intalab jgħaddilu r-ritratti mertu tal-każ. Temm jgħid li kien hu li ġibed iż-żewġ ritratti u mhux l-attur, liema ritratti ma humiex l-uniċi fil-pussess tiegħu;

Rat is-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-27 ta' Jannar, 2000[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet quddiem il-Qorti (diversament presjeduta);

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-4 ta' Frar, 2002[2], li bih ħatret lil John Axisa bħala espert tekniku biex jeżamina s-*slides* eżebiti u jiddetermina "jekk is-*source* huwiex l-istess", liema ħatra nbidlet b'degriet tat-8 ta' Mejju, 2002[3], bil-ħatra ta' George Schembri bħala espert tekniku sostitut;

Rat ir-rapport imressaq mill-espert tekniku fit-28 ta' Ottubru, 2003[4];

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Mejju, 2004, li bih tat żmien lill-imħarrek iressaq nota ta' kritika għar-rapport tal-espert tekniku;

---

[1] Paġġ. 15 sa 28 tal-proċess
[2] Paġ. 81 tal-proċess
[3] Paġ. 85 tal-proċess
[4] Paġġ. 97 sa 101 tal-proċess

Semgħet lill-espert tekniku jixhed quddiemha in eskussjoni bħala xhud imressaq mill-imħarrek[5];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar dritt tal-awtur. L-attur jgħid li huwa s-sid waħdien ta' żewġ ritratti li dehru f'pubblikazzjoni ta' ktieb miktub mill-imħarrek. L-attur jgħid li l-imħarrek inqeda b'dawk iż-żewġ ritratti, li ġibidhom l-attur wara li stħarreġ teknika speċjali. Irid li l-Qorti tagħraf li huwa jgawdi l-jedd tal-awtur fuq l-imsemmija żewġ ritratti u li jwaqqaf lill-imħarrek milli jerġa' juża l-imsemmija żewġ ritratti f'xi pubblikazzjoni oħra tal-ktieb. Qiegħed ukoll jitlob il-kundanna tal-imħarrek għall-ħlas ta' penali. Żamm sħiħ kull jedd ta' azzjoni oħra li jista' jieħu kontra l-imħarrek u talab il-kundanna tiegħu għall-ħlas tal-ispejjeż;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi, b'mod preliminari, billi qal li din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża minħabba li l-kwestjoni taqa' fil-kompetenza tal-Bord dwar id-Drittijiet skond l-artikolu 17 tal-Kapitolu 196 tal-Liġijiet ta' Malta. Laqa' wkoll billi qal l-attur irid jipprova wkoll li hu kien il-persuna li ġibed l-imsemmija żewġ ritratti u b'hekk igawdi fuqhom il-jeddijiet tal-awtur għall-finijiet tal-artikolu 3(2) tal-imsemmi Kapitolu 196. Żied jgħid li peress li l-attur jidher li qiegħed jirreferi għall-pubblikazzjoni li l-eċċipjenti ħareġ fl-1988, it-tielet talba attriċi ma tistax tintlaqa' ladarba l-eċċipjenti kien ħareġ edizzjoni oħra tal-imsemmi ktieb fl-1999. Huwa ċaħad li qatt ġiet f'idejh xi kopja ta' xi xogħol proprjeta' tal-attur li turi r-ritratti mertu tal-każ jew li qatt talab lill-attur jgħaddilu xi xogħol tiegħu jew li qatt daħal fi ftehim miegħu li permezz tiegħu l-attur intalab jgħaddilu r-ritratti mertu tal-każ. Temm jgħid li kien hu li ġibed iż-żewġ ritratti u mhux l-attur, liema ritratti ma humiex l-uniċi fil-pussess tiegħu;

Illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari kienet miċħuda b'sentenza preliminari mogħtija fis-27 ta' Jannar, 2000;

[5] Paġġ. 111 – 6 tal-proċess

Illi xi dokumenti li kien ressaq l-imħarrek b'Nota tiegħu tas-7 ta' Awwissu, 2001[6] intilfu (bħalma ġara wkoll f'xi dokumenti li tressqu matul is-smigħ tal-kawża mill-attur u ma kinux fl-atti tal-proċess meta din il-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta) u baqgħu sal-lum ma nstabux, għalkemm l-espert xehed li huwa kellu provi biżżejjed biex seta' jasal għall-fehma tiegħu;

Illi mill-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża joħroġ li l-attur huwa pubblikatur u fotografu tas-sengħa u, fost ix-xogħol tiegħu, huwa jiġbed ritratti biex jibdilhom f'kartolini turistiċi ta' kwalita' artistika, b'teknika li huwa jgħid li żviluppa wara ħafna studju. Jaħdem taħt id-ditta "*Click Productions*";

Illi l-imħarrek huwa awtur ta' kotba u fotografu dilettant[7];

Illi fl-1998[8] l-imħarrek ħareġ ktieb ta' mija u tnax-il (112) paġna bl-isem "*Malta and Its People*"[9], f'liema xogħol huwa daħħal bosta ritratti u li huwa mfassal bħallikieku kien gwida mal-qarrej hu u jżur postijiet turistiċi f'Malta. Madankollu, f'paġna tnax (12) tal-imsemmija edizzjoni, tefa' żewġ ritratti li juru l-"*Venere ta' Malta*"[10] u kif ukoll il-"*Mara l-Mimduda*"[11]. L-attur jgħid[12] li dawk huma riproduzzjoni l-istess ta' żewġ ritratti li ġibidhom fil-Mużew tal-Arkeoloġija wara li ħa l-permess tad-Direttur tal-Mużewijiet Pubbliċi u wara li żar il-post xi erba' darbiet biex jistħarreġ aħjar it-teknika meħtieġa biex jiġbed ir-ritratti[13]. Dawn iż-żjarat saru għall-bidu tas-snin disgħin (tas-seklu l-ieħor). Wara li ġibed ir-ritratti, mis-*slides* (negattivi) tagħhom kien ħadhom għand ditta li tagħmel "*colour separations*" li adattathom f'kartolini postali li tqassmu fil-ħwienet biex jinbiegħu[14];

Illi l-attur jgħid li uża wieħed mill-imsemmija ritratti f'pubblikazzjoni turistika taħt isem id-ditta li jmexxi[15];

Illi l-attur jgħid li dawk kienu ritratti miġbudin minnu bit-teknika speċjalizzata tiegħu u li l-imħarrek inqeda bihom bla ma talab il-kunsens tiegħu, anzi ipprova jgħaddihom bħala xogħol tiegħu stess. Fil-ktejjeb, l-

[6] Paġ. 75 tal-proċess
[7] Xhieda tiegħu 1.6.2001, f'paġġ. 65 – 6 tal-proċess
[8] Għalkemm il-ktejjeb jindika li kien edizzjoni tal-1988, jidher li dan x'aktarx huwa żball tipografiku għaliex f'banda oħra tiegħu (ara fol. 108 tal-ktejjeb) tissemma ġrajja li turi li l-pubblikazzjoni ta' din l-edizzjoni kienet wara dak iż-żmien. Hemm ukoll konferma mix-xhud Sandro Bruno (paġġ. 56 u 58 tal-proċess) fejn xehed (fl-2000) li l-pubblikazzjoni tal-ktejjeb kien xogħol tad-ditta li sar "xi sentejn ilu"
[9] Dok "MS3", f'paġ 42 tal-proċess
[10] Dok "MS1", f'paġ. 34 tal-proċess
[11] Dok "MS2", f'paġ. 42 tal-proċess
[12] Xhieda tiegħu 3.4.2000, f'paġ. 31 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Frida Cauchi 16.6.2000, f'paġġ. 37 – 8 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Sandro Bruno 13.11.2000, f'paġġ. 50 – 1 u 54 – 5 tal-proċess u Dok "MS8", f'paġ. 42
[15] Ara d-dok f'paġ. 79 tal-proċess

imħarrek ma jikkredita l-ebda ritratt lil xiħadd partikolari, imma fl-aħħar paġna tal-ktejjeb jingħad "*Photography John Zammit*". Fix-xhieda tiegħu, tenna li r-ritratti mertu tal-każ ġibidhom hu[16] u ma jeskludix li ġibidhom minn fuq repliki li hu kien xtara taż-żewġ statwi[17];

Illi l-attur fetaħ din il-kawża f'Jannar tal-1999;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jsawru l-każ jintrabtu mal-kwestjoni tad-dritt tal-awtur, u maċ-ċirkostanzi probatorji dwar min tassew ġibed l-imsemmija żewġ ritratti mertu tal-każ. Dan jingħad għaliex l-attur jibni l-azzjoni tiegħu kollha fuq il-premessa li huwa kellu jeddijiet proprjetarji fuq ir-ritratti. Għalhekk, huwa jqis li l-użu mhux awtorizzat minnhom min-naħa tal-imħarrek, jikkostitwixxu ksur tal-jedd tiegħu bħala sid tal-imsemmi materjal;

Illi l-azzjoni tal-attur tinbena fuq dak li l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur[18] u b'mod partikolari drittijiet imnissla minn "xogħol artistiku" kif imfisser f'dak l-Att. Irid jingħad li, għalkemm il-kawża nbdiet meta kien hemm fis-seħħ f'Malta liġi oħra dwar id-Drittijiet tal-Awtur[19], dik li ddaħħlet minflokha għadha sostanzjalment tkopri l-istess jeddijiet. Madankollu, il-Qorti hija tal-fehma li, f'kull każ, l-azzjoni tal-lum għandha titqies taħt il-liġi l-ġdida u dan fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 60(1)(b) tal-Kap 415[20]. Kull riferenza għal-liġi f'din is-sentenza hija riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-Kap 415, sakemm ma jingħadx mod ieħor;

Illi din il-kawża tirrigwarda kwestjoni dwar teħid jew ġbid ta' ritratti (fotografiji) u r-rabta tal-jedd tal-awtur magħhom. Fil-liġi, it-tifsira ta' 'xogħol artistiku' "*tinkludi, irrispettivament mill-kwalita' artistika, kull wieħed minn dawn li ġejjin, jew xogħlijiet simili għalihom: .. .. .. (d) fotografiji mhux inklużi f'xogħol awdjoviżiv*"[21]. Il-liġi tagħna ma tagħti l-ebda tifsira lill-kelma 'ritratt' u lanqas lill-kelma 'fotografija'. Madankollu, d-duttrina tqis li "*A photograph means a recording of light or other radiation on any medium on which an image is produced or from which an image may by any means be produced, and which is not part of a film. Copyright may subsist in a photograph of a painting provided skill and judgment has been expended, for example, by selecting part of the painting only and/or choosing lighting conditions, aperture settings, etc.*

[16] Xhieda tiegħu f'paġ. 68 tal-proċess
[17] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġġ. 72 u 74 tal-proċess
[18] Att XIII tal-2000 (Kap 415)
[19] Att VI tal-1967 (Kap 196 tal-Liġijiet ta' Malta)
[20] App. Ċiv. **31.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***General Soft Drinks Co. Ltd. vs Portanier Bros. Ltd.***
[21] Art. 2 tal-Kap 415

*.. .. The definition of 'photograph' is particularly wide, presumably to keep pace with future technological change*"[22];

Illi tajjeb li jingħad ukoll li l-liġi li tħares id-dritt tal-awtur ma tipproteġix l-idejat[23], imma l-manifestazzjoni tagħhom b'xi wieħed mill-metodi magħrufa fl-artikolu 3. Għalhekk, biex jitnissel id-dritt tal-awtur, jeħtieġ li x-xogħol ikun oriġinali u jkun inkiteb, ġie reġistrat, iffissat jew mogħti sura materjali[24]. Dan il-ħarsien jikkonsisti fid-dritt esklussiv li l-awtur jawtorizza jew jipprojbixxi l-għemil f'Malta dwar il-materjal protett kollu jew f'biċċa minnu, kemm jekk fis-sura oriġinali tiegħu jew f'xi sura miksuba b'mod li jingħaraf sewwa mill-oriġinal, ta' xi waħda mill-għemejjel li bih xogħol imħares jista' jixxandar, jixxerred, jinkera jew jintwera b'xi mod kif imsemmi mil-liġi[25]. L-oriġinalita' li għaliha jirreferi d-dritt tal-awtur hija oriġinalita' fil-mod kif il-ħsieb letterarju jintwera u jissawwar[26]. Kif ingħad b'awtorita' f'dan ir-rigward, "*The word 'original' does not in this connection mean that the work must be the expression of original or inventive thought. Copyright Acts are not concerned with the originality of ideas, but with the expression of thought. ... The originality which is required relates to the expression of the thought. But the Act does not require that the expression must be in an original or novel form, but that the work must not be copied from another work – that it should originate from the author*"[27]. Minbarra dan, il-fatt li jsir xogħol preliminari qabel ma jitlesta xogħol li dwaru jeżisti l-jedd ta' dritt tal-awtur, ma jġibx b'daqshekk biss in-nuqqas tal-element tal-oriġinalita' f'dak ix-xogħol mitmum[28];

Illi minbarra l-aspett ta' oriġinalita' fil-preżentazzjoni, huwa meħtieġ li jintwera wkoll element ta' ħila, ġudizzju u xogħol fil-produzzjoni tal-attivita' li jistħoqqilha tiġi mħarsa bid-dritt tal-awtur. Jista' jagħti l-każ fejn xogħol li jistħoqqlu l-ħarsien tad-dritt tal-awtur ikun huwa nnifsu mirut minn għajn jew għejjun li huma nfushom ikunu diġa' mħarsa bi dritt tal-awtur dwarhom li jkun għadu fis-seħħ: f'każ bħal dan, f'xogħol bħal dak ikun hemm miġbura għadd ta' jeddijiet tal-awtur distinti u l-awtur tal-aħħar xogħol huwa mistenni li jagħraf il-jeddijiet ta' dawk li jgawdu l-jedd tal-awtur fuq l-għajn jew l-għejjun imsemmija;

Illi f'dan ir-rigward, xieraq jingħad li fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-attur jixli lill-imħarrek li ħadlu x-xogħol oriġinali tiegħu u qabad u

[22] D Bainbridge _Intellectual Property_ (5th Edit 2002), paġ. 50
[23] W. Cornish & D. Llewelyn _Intellectual Property_ (5th. Edit, 2003), § 10-04, f'paġ. 388
[24] Art. 3(2) tal-Kap 415
[25] Art. 7(1) tal-Kap 415
[26] _Copinger & Skone-James on Copyright_ (13th Edit.), § 3-27
[27] Peterson J. fil-kawża ***University of London Press Ltd. vs University Tutorial Press Ltd.*** (1916) 2 Ch. 601, a fol. 608
[28] D. Bainbridge _Intellectual Property_ (5th Edit, 2002) f'paġ. 37

ikkupjah bħallikieku kien tiegħu fil-ktieb li ħareġ taħt ismu (jiġifieri isem l-imħarrek). Hawnhekk jidħol kunċett partikolari fejn il-parti mħarrka ma tkunx 'ikkupjat l-ideja jew il-kunċett', imma tkun ikkupjat ix-xogħol innifsu;

Illi l-Qorti jidhrilha xieraq ħafna tirreferi għal dan li ġej b'turija tal-qofol tal-kwestjoni li għandha quddiemha meta jingħad li "*The infringing work must be derived from the claimant's work. There must be a causal connection as independent creation of a similar work does not infringe. In an action for copyright infringement by copying, proof of copying and the question as to which party bears the burden of proof are frequently important issues. Of course the claimant has the burden of proving that the defendant has copied but, having discharged that burden, it can fairly be said that the burden of proof then shifts to the defendant in that he then is given the opportunity to rebut the inference of copying by offering an alternative explanation of the similarities between his work and the claimant's work. .. .. .. factual similarity coupled with proof of access does not raise an irrefutable presumption of copying, at most it raises a prima facie case for the defendant to answer. Thus, in such cases, the burden of proof will shift to the defendant who will then have to satisfy the court, on a balance of probabilities, that he had not copied the first work and that any similarity is the result of coincidence, not copying*"[29];

Illi fl-ikkupjar tabilfors ikun hemm xebh, u dan ix-xebh ma jkunx biss fl-għajn ta' min iqabbel imma jkun fatt oġġettiv. F'każ bħal dan, "*The degree of objective similarity is, of course, not merely important, indeed essential, in proving the first element in infringement, namely, that the defendant's work can properly be described as a reproduction or adaptation of the copyright work; it is also very cogent material from which to draw the inference that the defendant has in fact copied, whether consciously or unconsciously, the copyright work. But it is not the only material. Even complete identity of the two works (i.e. the works are identical) may not be conclusive evidence of copying, for it may be proved that it was impossible for the author of the alleged infringing work to have had access to the copyright work. And, once you have eliminated the impossibility, (namely, copying), that which remains (namely, coincidence), however improbable, is the truth*"[30]. Il-Qorti jidhrilha li din iċ-ċitazzjoni toqgħod ħafna għall-każ li għandha quddiemha;

Illi wara li saru dawn il-konsiderazzjonijiet u f'dan l-istadju, il-Qorti tqis li huwa ta' siwi ewlieni li, fil-każ li għandha quddiemha, tistabilixxi min

[29] Bainbridge *op cit* paġġ. 128 – 9
[30] *Per* Diplock L.J. fil-kawża ***Francis, Day & Hunter Ltd vs Bron*** (1963) Ch. 587 at p. 627

huwa l-awtur li jgawdi l-jeddijiet li dwarhom saret din il-kawża. Dan l-istħarriġ irid isir qabel kull ħaġa oħra għaliex huwa l-qofol tal-ewwel talba attriċi u l-qafas tal-kwestjoni kollha li nqalgħet bejn il-partijiet;

Illi tajjeb li jingħad li wieħed għandu jagħraf id-differenza bejn il-jedd tal-proprjeta' fix-xogħol artistiku li jkun u l-jedd tal-awtur dwar l-istess xogħol[31]. Wieħed jista' jkun sid ta' xogħol artistiku għaliex ikun xtrah jew ikun fil-pussess tiegħu, iżda mhux bilfors li jkollu wkoll id-drittijiet tal-awtur dwar dak ix-xogħol, liema drittijiet jibqgħu vestiti fl-awtur li ħoloq dak ix-xogħol;

Illi fil-każ tal-lum, l-attur jisħaq li huwa l-awtur taż-żewġ ritratti riprodotti fil-ktieb maħruġ mill-imħarrek. L-attur ressaq bi prova tajba l-oriġinali tal-istess żewġ ritratti kemm bin-negattivi tagħhom u wkoll bi *slide*. Mhux hekk biss, imma saħansitra nġibed ritratt tal-istess attur (minn min kien miegħu meta mar jiġbed ir-ritratti fil-mostra tal-wirjiet fil-Mużew tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta) jiġbed ir-ritratti nfushom[32]. L-imħarrek ma jiċħad bl-ebda mod li l-attur ħa r-ritratti: jgħid biss li r-ritratti li dehru fil-pubblikazzjoni maħruġa minnu ma kinux ir-ritratti (jew kopji tagħhom) miġbuda mill-attur, imma kopji ta' ritratti oħrajn li hu nnifsu ġibed għal rasu bla ebda ħsieb li kienu jeżistu r-ritratti miġbuda mill-attur. Din hija t-teżi difensjonali tiegħu kif toħroġ mill-ħames u mis-sitt eċċezzjonijiet tiegħu;

Illi dan iwassal lill-Qorti biex issib li **l-ewwel talba attriċi** tistħoqq li tintlaqa' għaliex ħareġ li l-attur uża ħila u teknika biex ġibed l-imsemmija ritratti u li n-natura tax-xogħol huwa tali li jiġbed fuqu l-ħarsien tad-dritt tal-awtur kif stabilit mil-liġi. Din il-prova ssib ukoll l-appoġġ tal-fehma tal-espert tekniku mqabbad minnha u li taċċetta l-oriġinalita' tax-xogħol u r-rabta tal-attur mal-istess xogħol bħala l-awtur tiegħu;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis is-siwi tat-**tieni talba attriċi** fid-dawl tat-**tieni, t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet** tal-imħarrek. Dan l-istħarriġ ser isir fuq żewġ linji ta' ħsieb. Fl-ewwel lok, ladarba l-attur seħħlu juri li huwa jgawdi mill-jedd tal-awtur fuq ir-ritratti miġbuda minnu, jaqa' issa fuq l-imħarrek biex jipprova fi grad xieraq li x-xebh kbir li hemm bejn ir-ritratti miġbuda mill-attur u r-ritratti li jidhru fil-ktieb maħruġ minnu mhuwiex frott tal-istess xogħol oriġinali. Fit-tieni lok, l-imħarrek irid juri wkoll li dak ix-xebh oġġettiv ma huwiex frott ikkupjar min-naħa tiegħu, imma ħaġa li ġrat għal kollox b'koinċidenza;

[31] Cornish & Llewelyn *op. cit.*, § 11-02, f'paġ. 419;u Bainbridge *op. cit.*, f'paġ. 85
[32] Dok "MS5", f'paġ. 35 tal-proċess

Illi dwar l-ewwel linja ta' ħsieb, il-Qorti toqgħod fuq il-fehma tal-espert maħtur minnha[33] li, wara l-aċċertamenti tekniċi li wettaq, wasal biex sab li ż-żewġ ritratti miġbuda mill-attur fihom karatteristiċi partikolari (b'mod partikolari, l-angolu tad-dellijiet li d-dawl mitfugħ fuq kull waħda miż-żewġ statwetti jagħti lil kull ritratt miġbud) li jittradixxu identita' fiż-żewġ xbihat tar-ritratti li hemm fil-ktieb maħruġ mill-imħarrek. Mhux hekk biss, iżda biex tassew ix-xogħol tal-attur u dak li deher fil-ktieb tal-imħarrek ikunu t-tnejn oriġinali, kellu jkun li, fiż-żewġ okkażjonijiet, min ġibed ir-ritratti kien (a) fl-istess bogħod mill-mostra bl-istatwetti, (b) fl-istess angolu minnhom u (ċ) inqeda b'dawl li jitfa' l-istess dell. Din il-fehma baqa' jtenniha u jfissirha fl-eskussjoni li saritlu minn bosta mistoqsijiet li sarulu mill-avukati difensuri tal-imħarrek;

Illi din iċ-ċirkostanza fattwali tidher kemm mad-daqqa ta' għajn u kif ukoll jekk wieħed kellu jrikkeb in-negattivi fuq kull waħda mix-xbihat. L-imħarrek jgħid li r-ritratti li jidhru fil-ktieb tiegħu huma kollha ritratti miġbudin minnu, imma naqas li mqar juri l-għajn ta' dawn l-oriġinali. Huwa minnu li jidher li f'xi żmien ressaq dokumenti li kellhom juru l-oriġinalita' tax-xogħol tiegħu, iżda dawn għabu u l-imħarrek naqas li jressaq dawk il-provi mill-ġdid jew provi oħrajn tajba biex sata' jwettaq il-piż ta' prova li jaqa' fuqu. Għall-kuntrarju, meta xehed deher mhu ċert xejn minn dak li kien qiegħed jgħid: għall-ewwel, seħaq li r-ritratti ħadhom hu stess fil-Mużew tal-Arkeoloġija u mbagħad, fl-istess okkażjoni stqarr li seta' ġibidhom minn statwetti-kopja li jinbiegħu lit-turisti li xtara minn x'imkien u ħadem fuqhom id-dar tiegħu[34];

Illi l-Qorti mhix sejra toqgħod fuq il-verżjoni tal-imħarrek li tidher imġebbda għall-aħħar. Il-verżjoni tal-attur titwemmen aktar u hija mseddqa bl-aċċertamenti tekniċi tal-espert maħtur mill-Qorti;

Illi dwar it-tieni linja ta' stħarriġ, il-Qorti ssibha bi kbira biex tasal għall-fehma li x-xebh kbir bejn ir-ritratti huwa l-frott ta' koinċidenza. Huwa għal kollox improbabbli li kemm l-attur u kif ukoll l-imħarrek, f'okkażjonijiet differenti minn xulxin, imorru fl-istess post, joqogħdu fl-istess bogħod, jintefgħu fl-istess angolu, jużaw l-istess dwal u jiġbdu l-istess ritratti tal-istess statwetti. L-attur juri li r-ritratti ġibidhom għall-ħabta tal-1991 u huwa żgur li fl-1994 uża wieħed minnhom f'pubblikazzjoni turistika. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek jgħid li kien għamel bosta edizzjonijiet tal-ktieb tiegħu, imma dak li tressaq fl-atti tal-kawża kien, għal raġunijiet li l-Qorti semmiethom qabel, inħareġ fl-1998 jew qrib wara dik is-sena. Dan

[33] Ara §§ 22 – 3 tar-Rapport f'paġ. 100 tal-proċess
[34] Xhieda tiegħu 1.6.2001, f'paġġ. 72 u 74 tal-proċess

ifisser li r-ritratti miġbuda mill-attur ippreċedew b'medda ta' snin ir-ritratti li dehru fil-ktieb tal-imħarrek;

Illi dan ifisser li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet legali li saru aktar qabel, l-imħarrek irid juri wkoll li ma kellux aċċess għar-ritratti tal-attur jew xbihat tagħhom u li l-ikkupjar kien tabilħaqq koinċidenza. B'żieda mal-fehmiet murija mill-Qorti fil-paragrafu ta' qabel dan, ma jista' jingħad bl-ebda mod li l-imħarrek ma kienx fil-possibilita' li jaċċedi għar-ritratti tal-attur. Dan jingħad mhux biss għaliex l-attur kien diġa' nqeda bir-ritratti tiegħu pubblikament. Bla ma l-Qorti b'xi mod titfa' xi dell ta' ħtija jew tipponta swaba' (għax provi dwar dan ma nġabux), ħarġet prova li turi li kemm l-attur u kif ukoll l-imħarrek kienu klijenti tal-istess ditta li ntalbu jagħmlu l-proċess ta' "*colour separations*" li l-attur talabha tagħmillu għar-ritratti tiegħu u li l-ktieb tal-imħarrek fejn hemm iż-żewġ ritratti kopjati kien mitbugħ minn dik id-ditta wkoll[35]. Għall-Qorti din iċ-ċirkostanza hija aktar minn biżżejjed biex ixxejjen kull difiża li l-imħarrek seta' kellu biex jgħid li kien fl-impossibbilita' li jkollu aċċess għax-xogħol tal-attur qabel ma wżah fil-pubblikazzjoni tal-ktieb tiegħu;

Illi għalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-tieni talba għaliex mistħoqqa u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek dwar dik it-talba għaliex naqas li jipprova li x-xogħol muri kien xogħol oriġinali tiegħu u mhux kopja mhux awtorizzata tax-xogħol oriġinali tal-attur;

Illi għal dak li jirrigwarda t-**tielet talba attriċi** l-Qorti tifhem li l-linja li qiegħed isegwi l-attur tintrabat ma' dak li huwa mgħallem, jiġifieri li "*the basic forms of copyright give the right not only to stop unauthorised reproductions of the works in its original form, but also in other material forms, and they give protection against adaptations*"[36];

Illi tali rimedju huwa wieħed maħsub fl-artikolu 7(1)(a) tal-Kapitolu 415. Dan ir-rimedju jingħata biex ma jkomplix isir ksur tal-jedd tal-awtur li jkun iġġarrab bl-għemil attakkat mill-istess awtur tax-xogħol artistiku mħares. F'dan il-każ, intwera li l-imħarrek wettaq ksur tal-jedd tal-awtur tal-attur dwar l-imsemmija żewġ ritratti u dan ir-rmedju mitlub mill-attur jaqa' sewwasew fil-parametri ta' dak li seta' jitlob lil din il-Qorti. Il-Qorti diġa' semmiet li t-tielet talba saret f'waqtha u sejra tkun tgħodd għal kull pubblikazzjoni li l-imħarrek għandu fi ħsiebu jagħmel ukoll aktar 'il quddiem tal-istess ktieb u safejn jirrigwarda l-istess żewġ ritratti u sakemm l-attur ikun jistħoqqlu jgawdi d-dritt tal-awtur fuqhom skond il-liġi;

[35] Xhieda ta' Sandro Bruno 13.11.2000, f'paġ. 56 tal-proċess
[36] Cornish & Llewelyn *op. cit.*, § 10-40, f'paġ. 409

Illi fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti tasal għall-fehma li t-tielet talba attriċi hija f'postha u saret f'waqtha u sejra tilqagħha;

Illi fir-**raba' talba** tiegħu l-attur qiegħed jitlob il-kundanna tal-imħarrek għall-ħlas ta' penali. Din it-talba saret taħt is-saħħa tal-artikolu 13(3) tal-Kapitolu 196 tal-Liġijiet ta' Malta, liema dispożizzjonijiet illum jinsabu regolati bl-artikoli 43 u 44 tal-Kapitolu 415;

Illi f'kull każ, l-imsemmi artikolu 13(3) kien jipprovdi li "*13(3) Meta xi ħadd jikser id-drittijiet ta' l-awtur fuq xi xogħol huwa jkun jista', fuq istanza tal-proprjetarju ta' dawk id-drittijiet ta' l-awtur, jiġi kundannat mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, għall-ħlas tad-danni jew għall-ħlas ta' penali ta' mhux anqas minn għaxar liri (Lm10) u mhux aktar minn ħames mitt lira (Lm500) kif dik il-qorti, wara li tieħu kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, jidhrilha xieraq, u għar-restituzzjoni tal-qligħ kollu li jkun sar mill-ksur tad-drittijiet ta' l-awtur. Iżda, dan kollu ma jgħoddx fil-każ li l-konvenut ikun jista' jġib prova, għas-sodisfazzjon tal-Qorti, li fiż-żmien tal-kontravenzjoni, ma kienx jaf u ma setax ikun raġonevolment mistenni li jkun jaf, li kienu jeżistu drittijiet ta' l-awtur, drittijiet viċini jew drittijiet sui generis fuq ix-xogħol li għalih l-azzjoni tirreferixxi*";

Illi fil-kawża li l-Qorti għandha quddiemha llum, l-attur qiegħed jitlob il-kundanna tal-imħarrek għall-ħlas tal-imsemmija penali maħsuba mil-liġi. L-attur mhuwiex qiegħed jitlob danni, għalhekk il-Qorti trid tħares lejn il-kundanna tal-penali bla ma tqis jekk l-attur ressaqx prova ta' xi telf li seta' ġarrab bil-fatt li l-imħarrek inqeda b'xogħol tiegħu kontra r-rieda tiegħu jew mingħajr il-kunsens tiegħu. Minkejja li l-liġi fis-seħħ jidher li kienet tipprovdi għal rimedju alternattiv bejn il-kundanna għall-ħlas tad-danni u l-kundanna għall-ħlas tal-penali, kien meqjus li l-Qorti għandha diskrezzjoni li tista' tagħti ż-żewġ rimedji flimkien jekk tintalab li tagħmel dan[37];

Illi biex tali penali ma tkunx dovuta, l-parti mħarrka tkun trid tipprova li ma kenitx taf li l-parti li tkun ħarrkitha kellha drittijiet tal-awtur fuq ix-xogħol artistiku relattiv. F'din il-kawża l-imħarrek ma ressaq l-ebda prova f'dan is-sens għaliex sejjes il-linja difensjonali tiegħu fuq l-allegazzjoni li r-ritratti li dehru fil-ktieb maħruġ minnu kienu ritratti miġbuda minnu. Diġa' ntwera wkoll li ż-żewġ ritratti li dwarhom l-attur igawdi d-drittijiet tal-awtur kienu dehru f'minn tal-anqas pubblikazzjoni speċjaliżżata waħda żmien qabel intużaw fil-ktieb tiegħu u għalhekk

---

[37] P.A. LSO **27.2.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabib George Hyzler noe et vs Public Broadcasting Services Ltd*** (mhix appellata)

aktar kien jaqa' fuq l-imħarrek il-piż li juri tajjeb biżżejjed li ma kienx jaf bid-dritt li jgawdi l-attur. Fuq kollox, il-fatt li xogħol ikun sar disponibbli pubblikament u mxerred fuq wieħed mill-*media* ma jagħti jedd lil ħadd li, mingħajr il-kunsens tal-awtur, jaqbad u jinqeda bix-xogħol għall-finijiet tiegħu[38];

Illi jidher li l-kundanna għall-ħlas tal-penali sseħħ għall-fatt waħdu li jkun sar ksur tal-jedd tal-awtur fuq ix-xogħol partikolari u jitħalla f'idejn il-Qorti kemm għandha tkun din il-penali wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ. Il-liġi ma kienet tippreskrivi l-ebda kejl biex jitqies l-ammont ta' penali dovut, bħalma tagħmel illum fil-każ fejn il-parti mġarrba titlob il-kumpens għad-danni[39];

Illi, fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li qieset dak kollu li ħareġ mill-provi, l-Qorti sejra tordna lill-imħarrek li jħallas lill-attur bħala penali s-somma ta' elf euro (€ 1,000) għall-finijiet tar-raba' talba attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-attur igawdi d-drittijiet tal-awtur tal-materjal artistiku (ritratti) msemmi f'dik it-talba, fis-sens li trid il-liġi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li l-imħarrek kiser il-jeddijiet tal-awtur tal-attur meta nqeda bil-materjal artistiku msemmi fi ktieb li huwa ħareġ bla ma ġab il-kunsens tal-attur;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u qiegħda żżomm lill-imħarrek milli b'xi mod jerġa' jinqeda bl-imsemmi xogħol artistiku tal-attur b'xi pubblikazzjoni jew mod ieħor u dan sakemm il-jedd tal-awtur favur l-attur jibqa' fis-seħħ;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur is-somma ta' elf euro (€ 1,000) bħala penali minħabba l-ksur tal-jedd tal-awtur imġarrab mill-attur;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** fil-mertu mqajma mill-imħarrek billi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

[38] P.A. AF **20.10.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Roland Camilleri et vs Noel Grima noe et*** (mhix appellata) u P.A. RCP **30.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Jon David Ltd et vs Bortex Clothing Industry Co Ltd et*** (mhix appellata)

[39] Art. 12 tal-Att XX tal-2006 (Kap 488)

Tordna li l-imħarrek iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk marbuta mas-sentenza preliminari tas-27 ta' Jannar, 2000, mal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Novembru, 1998, u mal-konsult.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**5 ta' Ottubru, 2015**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**5 ta' Ottubru, 2015**